Minuti Laqgħa Numru 32 tal-Kunsill Lokali Qala

Il-Ħamis, 20 ta' Mejju 2021.

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' *online* permezz ta' *Zoom,* illum il-Ħamis, 20 ta' Mejju 2021, fl-5:15 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Ivan Cefai – Viċi Sindku
Karl Buttigieg – Kunsillier
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak – Kunsillier

Uffiċjal Preżenti:
Lorne Cremona - Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

**33.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**33.5 Aġġornament fuq "EUrope Is a State of Mind"**

33.5.1 Bi qbil mal-Kunsilliera preżenti l-ewwel item tal-agenda ser tkun in-numru 33.5. Għal din il-parti tal-laqgħa ġew mistiedna is-Sinjuri Paul Fenech, u Joseph Farrugia Cremona.

33.5.2 Is-Sur Fenech beda billi spjega kif irridu nerġgħu nibdew nirrankaw wara s-sitwazjoni tal-COVID-19. M'aħniex fil-kontroll ta' x'se jiġri fuq din il-pandemija. Naħdmu fuq ir-rieda tajba bl-assunzjoni li l-attivitajiet jerġgħu jibdew jiftħu. Biex nieħdu il-flus irridu nilħqu livell minimu mistenni mill-Komunità Ewropeja. L-ewwel laqgħa ġiet organizzata minn Kunsill li ma kellux esperjenza; irridu ngħollu il-livell fil-laqgħat li ġejjin. Il-laqgħa li jmiss se ssir Porto, il-Portugall bid-dati jkun 24-28 ta' Settembru, cioe il-weekend ta' wara il-Qala International Folk Festival. F'Ottubru ssir il-konferenza ta' Yeri, għar-rebbiegħa hemm skedata il-Konferenza ta' Canale Monterano u l-aħħar konferenza ssir fil-Qala. Ġie propost il-*weekend* ta' qabel il-festa, imma din ser tiġi deċiża iktar 'il-quddiem.

33.5.3 Ġie diskuss għar-responsabiltajiet tal-membri kollha għall-konferanza tal-Portugall:

- Is-Sindku, bħala *Chef de Mission* ikollu f'idejħ il-*protocol*, id-diskorsi, u l-ħidma biex jistabilixxi rapport mal-pajjiżi li jkunu preżenti għal dawn il-konferenzi;
- Il-koordinatur ikun jaħdem id f'id mal-organizzatur lokali fejn tkun qiegħda ssir il-konferenza fuq dak li għandu x'jaqsam ma liġistika ta' laqgħat (eż: sala, siġġijiet, eċċ);
- Il-Viċi Sindku Ivan Cefai bil-għajnuna tal-Kunsillier Karl Buttigieg hi il-preparazzjoni tar-rapport tal-aħħar laqgħa li saret fil-Montenegro, u t-tmexxija (chairing) tal-workgroups li jkun hemm tul il-konferenza;
- Il-Kunsillier Joseph Buttigieg ser ikun qed jorganizza l-organizzazzjoni tac-cerimonja ta' l-għeluq (protocol, gifts); kif ukoll l-official group photos;
- Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak ser tkun qiegħda taħseb għal materjal ipprintjat, kif ukoll il-materjal l-ieħor (bandiera, banner) b'kollaborazzjoni mas-Sindku;
- Il-Kunsillier Karl Buttigieg ser ikun responsabbli għal video preżentazzjoni dwar it-tradizzjonijiiet tal-Qala, u l-funzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Qala viz a viz il-Komunità.
- Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak ser tkun qiegħda tipprepara video fuq iż-żgħażaħ tal-Qala, il-ħajja tagħhom, l-involviment fil-komunità u l-integrazzjoni ma nazzjonalitajiet oħrajn. Dan il-video ser jinżamm "riserva" f'każ li tinħass il-ħtieġa.
- Il-Kunsillier Joseph Buttigieg ser ikun qiegħed jieħu ħsieb għal attivitajiet soċjo-kulturali li jsiru filgħaxija.
- Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak ser tkun qed tieħu ħsieb jipprepara ir-rapport ta' Porto, liema rapport ser jinqara f' Yeri (Ċipru) fil-konferenza ta' wara.

33.5.4 Peress li għandna konferenzi oħrajn wara din, is-Sur Fenech issuġġerixxa li ma nonfqux il-"firepower" kollu tagħna fuq konferenza waħda, iżda minflok inqassmu ir-riżorsi tagħna fuq il-firxa tal-programm kollu.

### 33.2 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

33.2.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv semma il-minuti li kienu għadhom pendenti (mhux approvati), waħda waħda. Il-Kunsill unanimament qabel mal-minuti 8.28, 8.29, 8.30, u 8.31, hekk kif emendati fil-laqgħa numru 8.32. Il-minuti tal-laqgħa 8.32 ġew mgħoddija lill-Kunsilliera u ġew ikkonsidrati moqrija. Il-Kunsill approva dawn il-minuti.

### 33.3 Komunikazzjoni tas-Sindku

33.3.1 Is-Sindku beda billi qal li sar ħafna xogħol fuq applikazzjonijiet għal skemi, liema applikazzjonijiet ser ikunu qed jissemmew f'aktar dettall iktar 'il quddiem f'din il-laqgħa. F'ismu u isem il-kunsill radd ħajr lill-Aġent Segretarju għal ħidma fuq dawn l-applikazzjonijiet u awgura li ma ndumux ma naraw il-frott ta' dan ix-xogħol.

33.3.2 Is-Sindku irrapporta li x-xogħol fi Triq il-Kunċizzjoni miexi tajjeb, u li hu qiegħed għassa fuqhom. Imiss jibda jinfetaħ id-drenaġġ (gravity feed tan-nofs), imbgħad ikun imiss crossings tal-water culvert, u tarmac. Applikajna biex il-bankini jitħallsu mill-*Urban Improvement Fund* (UIF) għaliex dawn ma kienux jaqgħu taħt dan it-tender.

33.3.3 Is-Sidku irrappreżenta lis-Sindki Għawdxin fil-Kumitat Palamentari għal Għawdex. Waqt il-laqgħa inqrat il-parti relatata ma rakkomandazzjonijiet li jmissu lir-reġjun ta' Għawdex u r-raħal tal-Qala. Id-diskors fl-intier tiegħu ser ikun qiegħed jiġi mehmuz ma dawn il-minuti[1].

33.3.4 Is-Sindku informa lil-Kunsilliera dwar numru ta' Skemi li għalihom applika l-Kunsill f'dawn l-aħħar ġimgħat:

- L-iskema "Urban Squares" fejn il-Kunsill Lokali tal-Qala applika biex isir *Traffic Management Plan* fiz-zona fejn hemm is-salib tal-Kunċizzjoni;
- Skema tal-*Playing Fields* fejn il-Kunsill applika biex jiġi ffinanzjat *railing* fil-playing field Maġistrat Slavu Attard;
- Skema mill-LESA, fejn il-Kunsill applika għal finanzjament ta' tliet (3) *Gazebos* tal-*Iroko* li ġew stmati madwar €20,000 kull waħda; u
- Xogħol fi Ġnien il-Familja fejn twaħħlu numru ta' fjuri u pjanti bi swit il-bankina ta' ma Mġarr Road.

33.3.5 Is-Sindku semma li wara li sar xogħol preparatorju is-sena l-oħra, il-Kunsill ser ikun qed japplika biex din is-sena issir "Swimmers Zone" fil-bajja ta' Bumbarrin. Barra minn hekk qiegħed jaħdem biex isir tindif tal-qiegħ tal-baħar (seabed) fl-istess Ta' Bumbarrin u Ħondoq ir-Rummien.

33.3.6 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li sab persuna biex jagħmel xogħol ta' brix u żebgħa (inkluż *underocat*) fi Ġnien il-Familja.

## 33.4 Tweġibiet mistoqsijiet kunsilliera

33.4.1 Il-Kunsillier Karl Buttigieg irrapporta li l-qolla li kienet tinsab fir-roudnabout ta' Triq Wied Simar roundabout sparixxiet; u ssuġġerixxa li tinxtara waħda ġdida. Il-Kunsill qabel ma dan.

33.4.2 Il-Kunsillier Karl Buttigieg talab li fi Triq il-Ħatar titwaħħal ħadida fil-ġenb ta' propjetà biex iż-żibel jiddendel magħhom. Il-Kunsill qabel ma dan.

33.4.3 Il-Kunsillier Karl Buttigieg talab li jsiru tabelli bit-*time table* ta' ġranet u x'żibel jinġabar (skond il-ġranet), flimkien ma avviż tal-multi. Semma bħala eżempju Triq il-Belveder. Il-

---

[1] Ref. "8.33 Appendix 1"

Kunsill qabel ma din il-proposta, waqt li talab li titfittex il-kooperazzjoni tar-residenti. Inqabel ukoll li dawn l-avviżi għandhom isiru bil-Malti u l-Ingliż.

33.4.4 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak irrappurtat li residenti fi Triq ta' Ħatar, qed jilmentaw dwar Karkanja li għandu ħażna ta' diesel. Dan hu periklu għar-residenti u inkonvenjent minħabba intiena tal-fumes. Il-Kunsill qabel li nitolbu lil Dr Clair Bonello biex tiggwidana fuq dan is-suġġett.

33.4.5 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai talab biex isir tindif fi Triq il-Wileġ; bejn l-impjant tan-Najsi sal-post tad-Dentist. Is-Sindku wieġeb li għal dawn l-aħħar 10 snin kellna grupp ta' 2 min-nies jaħdmu bil-*grass cutter*. Dak it-team ma għadux jaqa' taħt il-Kunsill, u magħhom ittieħdu tliet (3) ħaddiema oħra, bil-konsegwenza li għalhekk r-raħal jinsab jiġi imnaddaf minn persuna waħda biss. Għalhekk il-Kunsill ma għandux biex inaddaf ir-raħal. Is-Sindku żied li hemm 4 ħaddiema assenjati "Qala Area" mal-Ministeru ta' Għawdex.

33.4.6 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai qal li madwar 3 ġimgħat ilu kien tkellem mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv biex terġa' tinżebaħ żewġ *stop signs* fl-art li hemm fejn tar-Rajjutt. Is-Sindku qal li din ser tkun qiegħda ssir fil-futur qarib.

33.4.7 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai ressaq talba tar-residenti ta' fejn hem salib it-toroq bejn Triq Patri Ġużepp Portelli fejn Mġarr Road, biex issir slow signs u tabelli biex javża li ġejja main road. Intlaħaq qbil fuq dan u se ikunu qed isiru diskussjonijiet/applikazzjoni ma Transport Malta dwar dan.

33.4.8 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai issuġġerixxa li ssir tabella fiċ-ċentru li fiha jkun hemm immarkati toroq, postijiet ta' interess u anke postijiet ta' akkomodazzjoni. Is-Sindku semma li hemm waħda diġa' fi pjazza MF Buttigieg imma trid tiġi aġġornata, u titfittex stima.

33.4.9 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai semma it-trakkijiet li bħalissa qed jgħaddu fi Triq Indipendenza. Is-Sindku staqsa bħala alternattiva minn fejn jistgħu jgħaddudawn it-trakkijiet, għaliex jekk dawn it-trakkijiet "jiltaqgħu" ma dawk li jkunu ġejjin min-Nadur il-problema tkompli tikber.

33.4.10 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg irrefera għal laqgħa preċedenti[2], fejn kienet qiegħda tiġi diskussa inizjattiva ta' solar poles, u li fiha l-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak qalet li kien jonqos firma mingħand il-Ministru jew li l-istess Kunsillier Joseph Buttigieg fil-kapċità tiegħu ta' uffiċjal fis-segretarjat tal-istess Ministru kien qiegħed iżomm dawn il-karti hu. Fuq dan saret laqgħa ghand id-Direttur Eco Gozo biex jiġu iċċarati dawn il-punti, fejn barra li ħareġet id-distinzjoni bejn il-politiku (Ministru) u l-amministratur (Segretarju Permanenti), il-kwistjoni tas-solar panels kienet taqa' f'idejn is-Segretarju Permanenti u mhux il-Ministru. Għalhekk la il-Ministru u lanqas il-Kunsillier Buttigieg ma kellhom jew għandhom x'jaqsmu ma din l-

[2] Vide Minuti Laqgħa 8.32; para 32.4.4

Kunsill Lokali – Qala – Local Council
Ċentru Ċiviku
Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala
Tel: 21552555 Fax: 21553232
Email: qala.lc@gov.mt

inizjattiva. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg għadda email tirrifletti dan kollu lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv liema email qiegħda tiġi inkluża ma dawn l-istess-minuti[3].

33.4.11 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak iċċarat li f'din il-laqgħa (vide 33.4.10) issemma' għall-ewwel darba li l-approval irid joħroġ mis-Segretarju Permaneti. Qalet ukoll li d-differenza ta' bejn "firma" jew "approval" diġa' kienet ġiet diskussa fil-laqgħa preċedenti. L-importanti minn dan kollu hu li x-xogħol għandu isir għaliex minnu jgawdu l-Qalin kollha. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak għalqet beilli qalet li l-iskop ta' Kunsill li naħdmu ma xulxin biex isir il-ġid fir-raħal.

## 33.6 Aġġornament fuq il-proġett ta' *Urban Greening*

33.6.1 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg irrapporta li dan il-proġett miexi b'pass tajjeb ħafna. Fadal li jsiru xi pots madwar il-Knisja u postijiet oħra. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg iċċara li kien hemm xi siġar li reġgħu ittieħdu lura mill-ELC għax ma kienux *up to specifications*. Fadal il-Kunċizzjoni u l-ġenb tal-Knisja, fejn l-Arċipriet irid imexxi xi pots tas-cement/ġebel imdaqqas qabel isiru il-pots. Il-kera tal-makkinarju ser jkun a spejjez tal-Kunsill, bil-Parroċċa tkun qiegħda taħseb hi għall-ħaddiema biex iċaqalqu dawn il-ġebel. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg talab li nibgħatu *update* lil Ambjent Malta dwar dan ix-xogħol, u wkoll biex nibdew naħsbu għall-is*tickers* biex jitwaħħlu fejn sar dan il-proġett.

## 33.7 Aġġornament fuq *Street Alignment* fi Triq il-Wileg

33.7.1 Is-Sindku irrapporta li kien hemm żewġ problemi (Nadur Road u Triq il-Wileġ). Ta' Nadur Road giet solvuta mill-ewwel. Il-Kunsill iltaqa' mal-PA fi Triq il-Wileġ u kien hemm qbil li il-linja kella ssir minn tarf il-bini tal-familja buttigieg għal dik il-kamra li hemm maġemb Mill-post ta' Fr Charles dirett għal mal-kamra li hemm iktar 'il ġew fit-triq. Madankollu Karkanja reġa' ħareġ 'il barra bi 8 pulzieri. Issejħet laqgħa oħra fuq il-post, u din id-darba il-PA ma riedux jaslu għal ftiehim. Għalhekk ser ikun qed isir ilment formali permezz tal-perit tal-Kunsill.

## 33.8 Aġġornament fuq il-proġett ta' Maġistrat Salvu Attard

33.8.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsill li saret laqgħa bejnu, is-Sindku, il-Perit u l-Kuntrattur li rebaħ it-tender biex jiġi deċiz kif ser jitqassam ix-xogħol. F'din il-laqgħa l-Perit infurmana li biex il-*Playing Field* tkun konformi ma requirements ta' CRPD u PA (ħalli hekk inkunu eleġibbli għal fondi tal-PA) ser ikun hemm bzonn issir rampa. Il-Kunsill ser ikun

[3] Ref. "8.33 Appendix 2"

qed jistenna *bill of quantities* mingħand il-perit dwar din ir-rampa ħalli imbgħad minn hemm jiġi deċiż immorrux għal sejħa ta' kwotazzjonijiet jew imkella tender, skond id-direzzjoni mogħtija mill-*Public Procurement Regulations*.

## 33.9 Aġġornament fuq ix-xogħol fi Triq il-Kunċizzjoni

33.9.1 Il-Kunsill ġie aġġornat dwar dan il-proġett iktar kmieni waqt din il-laqgħa[4].

## 33.10 Laqgħa mas-Sur Mark Agius

33.10.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv, hu kellu laqgħa mas-Sinjuri Mark Agius u Daniel Refalo nhar is-26 ta' April. Din il-laqgħa intalbet mis-Sur Agius. Ittieħdu minuti ta' din il-laqgħa u dan l-istess dokument qiegħed jiġi mehmuz ma dawn il-minuti ukoll[5].

33.10.2 Wara li qara l-minuti ta' din il-laqgħa, is-Sindku qal li minn dawn joħroġ ċar x'qed jaħsbu l-isviluppaturi fuq il-Kunsill tal-Qala, cioe' li l-Kunsill huwa imqabbad magħhom (Agius u sħabu) biss; u li qed jippruvaw "itaffu din il-mibiegħda" billi jisponsorjaw proġetti jew inizjattivi fir-raħal.

33.10.3 Is-Sindku qal li waqt li l-prinċipji tiegħu m'humiex għall-biegħ; il-parti li l-Kunsill imqabbad magħhom biss mhijiex veritiera tant li ftit tal-ġranet wara il-PA, fuq insistenza tal-Kunsill ma ħarġitx permess għal proġett massiv minn Karkanja.

## 33.11 Proġett *Qala Creek*

33.11.1 Fuq li ġara riċentement waqt it-twettieq tal-*Urban Greening Project,* fejn il-Kunsill ma tħalliex minn terzi jagħmel numru ta' pjanti f'Ħondoq ir-Rummien; is-Sindku għarraf lill-Kunsilliera li hu ġie mogħti parir biex issir riċerka ħalli jiġi ċċarat fejn eżatt hu propjetà tal-Gvern/Kunsill, u fejn jgħajat lil sidien privati. Ġie rrakkomandat li jintqabbdu is-servizzi tan-Nutar Bellizzi. Il-Kunsill qabel unanimament li tintalab stima mingħandi n-Nutar Bellizzi, liema stima terġa titressaq quddiem il-Kunsill biex tiġi diskussa u approvata aktar 'il quddiem.

[4] Vide minuta 33.3.2
[5] Ref. "8.33 Appendix 3"

Kunsill Lokali – Qala – Local Council
Ċentru Ċiviku
Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala
Tel: 21552555 Fax: 21553232
Email: qala.lc@gov.mt

## 33.12 Aġġornament fuq l-Inizjattiva ta '*Wall* Mural għaċ-Ċentru Ċiviku

33.12.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq tliet kwotazzjonijiet minn tliet *bidders* differenti li lesti jagħmlu ix-xogħol fuq il-*wall mural* tal-mużajk int u dieħel fiċ-Ċentru Ċiviku. Il-kwotazzjonijiet jammontaw għal €5428, €5950 u €6700 rispettivament. Il-Kunsill qabel unanimament li jaċċetta l-irħas offerta li ġiet sottomessa lilna mis-Sa. Lisa Formosa.

## 33.13 Triq taċ-Ċawl

33.13.1 Is-Sindku qal li jkun aħhar nitolbu lill-Ministeru għall-għajnuna fuq din it-triq, għaliex qiegħda tisfronda u jekk inħallu ż-żmien jgħaddi l-ħsara u l-ispejjeż ikomplu jikbru. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 33.14 Materji Amministrattivi

33.14.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-Financial Statements għas-sena li għalqet fil-31/12/2020; fejn ġie irrappurtat li l-Kunsill kellu *Operating* Income. Il-Kunsill approva dan id-dokument, u qabel li dan it-tfaddil jinżammu bħala *contingency* minħabba l-kawża li hemm quddiem il-Qorti kontra Peter Paul Said.

33.14.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-Kunsill li hemm wieħed mill-ħaddiema li ilu 4 ġimgħat barra bis-*sick leave* u li ppreżenta ċertifikat ieħor għal ġimgħatejn oħra. Minħabba dan il-vojt il-Kunsill qiegħed ikollu iħallas għal *replacements* ta' dan il-ħaddiem u kien hemm drabi wkoll fejn ma nstbx min jibdel. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lid-dipartiment dwar dan kollu.

33.14.3 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li il-*laptop* li fuqu kien hemm qbil li jinxtara fil-laqgħa preċedenti[6] wasal u li l-programmi ġew kollha trasferiti fiħ halli issa hu qiegħed jaħdem kollox minn fuqu. Waqt li kien qed isir it-trasferiment tal-programmi, inġibditlu l-attenzjoni li s-*Sage Accounting Software* għandu bżonn liċenzja ġdida, u li din tiswa €1,902 (1 company, 2 users). Il-Kunsill qabel unanimament li għandha tinxtara din il-liċenzja.

33.14.4 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li s-Surmast tal-iskola avviċinaħ biex isir kuntratt għall-kera ta' kamra li hemm fil-bitħa tal-iskola. Bħalissa il-Kunsill qed juza din il-kamra bħala maħżen imma ma hemm xejn bil-miktub. Is-Surmast ippreżenta draft ta' dan il-ftiehim. Il-Kunsilliera qablu li għandu jsir ftiehim formali mal-iskola, ddiskutew l-*options* li għandu l-Kunsill u anke kontro-proposti għal dan il-kuntratt.

---

[6] Vide Minuti laqgħa 8.32, para 32.14.3

Kunsill Lokali – Qala – Local Council
Ċentru Ċiviku
Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala
Tel: 21552555 Fax: 21553232
Email: qala.lc@gov.mt

33.14.5.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li jrid jitkellem dwar sejħa għal kwotazzjonijiet ta' stickers għall-waste separation bins, u kotba ta l-irċevuti (33.14.6). Hawn is-Sindku Paul Buttigieg u l-Viċi Sindku Ivan Cefai ħarġu 'il barra biex jiġi żgurat li ma jkunx hemm ipperċepit xi kunflitt ta' interess f'dan ir-rigward.

Il-Viċi Sindku Ivan Cefai talab li tiġi inkluża is-segwenti stqarrija fil-minuti: "Billi l-kwotazzjonijiet imsemmija ġejjin mingħand A&M Printing, jien ser noħroġ 'il barra mil-laqgħa mhux għax hemm konflitt ta' interess imma billi s-Sindku fir-risposta tiegħu lill-bord tal-governanza ipprova jimplika li hemm konflitt ta' interess bejni u A&M Printing. Billi l-każ għadu miftuħ, inħoss li din hi l-aħjar ħaġa li għandi nagħmel f'dan il-mument."

33.14.5.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li ħareg sejħa għal kwotazzjonijiet biex jigu pprintjati l-istickers għaż-żewg settijiet ta' waste separation bins u li irċievejna kwotazzjoni waħda biss mingħand A&M Printing. Għalkemm l-ammont huwa pjuttost żgħir (€20 +VAT) wara li ħa parir anke mid-Dipartiment, peress li hemm każ ta' Board ta' Governanza inħass li jkun iżjed għaqli li tintalab kwotazzjoni. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament biex jitqabbdu A&M Printing ħalli jistampaw dawn l-istickers.

33.14.5.3 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv irrefera għal email li bagħat lill-Kunsilliera dwar l-ordni ta' kotba tal-irċevuti. L-istess ħaġa diskussa f'minuta 33.14.5.2 tapplika hawn; cioe' l-ammont huwa żgħir imma għal finijiet ta' trasparenza u accountability inħarġet sejħa għal kwotazzjonijiet. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament biex jitqabbdu A&M Printing ħalli jistampaw dawn il-kotba tal-irċevuti.

33.14.5.3 Wara li ġew diskussi l-istickers u l-kotba tal-irċevuti, is-Sindku u Viċi Sindku intalbu jerġgħu lura u jkomplu jieħdu sehem fil-laqgħa.

33.14.6 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-ġimgħa ta' qabel irċieva rapport anonimu dwar possibilità li kien qed jinsteraq xi dawl mill-meter tad-dawl li hemm fil-*public convenience* ta' Ħondoq ir-Rummien. Wara li mar fuq il-post informa lis-Sindku u għamel rapport mal-pulizija. Peress li l-meter tad-dawl in kwistjoni jgħajat lill-Ministeru għal Għawdex l-involviment tal-Kunsill Lokali f'dan il-każ waqaf hemm, u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv stqarr li ma jafx kif baqgħu il-pulizija fuq dan ir-rapport.

## 33.15 Korrispondenzi

33.14.1 Ittra mingħand Mary Bonnici, Segretarja ta' ME, CFS & Fibromyalgia Alliance; fejn talbet li nhar it-12 ta' Mejju bil-lejl nixgħelu bini pubbliku lewn vjola biex titqajjem kuxjenza dwar kundizzjonijiejt bħal *Chronic Fatigue Syndrome (CFM), Fibyomyalgia (FM)* u *Myalgic Encephalomyelitis* (*ME*). Ġie avviċinat is-Sur Joseph Cutajar u fl-imsemmi lejl inxtgħelet il-faċċata tal-Kunsill bħala turija ta' sostenn lejn din il-kampanja.

33.14.2 Email mingħand l-Assoċċazzjoni tal-Kunsilli Lokali (AKL) fejn intlabna biex fl-14 ta' Ġunju (jum dinji tad-donaturi tad-demm) nixgħelu bini pubbliku b'lewn aħmar biex titqajjem

kuxjenza favur id-donazzjoni ta' demm. Il-Kunsill qabel li jixgħel il-faċċata taċ-Ċentru Ċiviku lewn aħmar nhar l-4, 5, u 6 ta' Ġunju.

33.14.3 Email mingħand it-team ta' Neil Agius fejn intalab il-permess tal-Kunsill biex l-istess Agius ikun jista' jibda/jispiċċa tliet (3) għawmiet madwar Għawdex minn Ħondoq ir-Rummien; liema għawmiet huma bħala taħriġ għal għawma ikbar li dettalji tagħha għadom ma ħarġux pubblikament. Il-Kunsill qabel li jaċċetta din it-talba.

33.14.4 Email mingħand l-AKL fejn ġejna mitluba ħames (5) *charging stations* għal karozzi bl-elettriku. Is-Sindku irrimarka li jekk nagħtu dawn ic-*charging stations* tiżdied il-problema ta' parkeġġ. Intlaħaq qbil li għalissa ma tintbagħatx risposta għal din it-talba.

33.14.5 Email mingħand l-AKL dwar polza ta' assikurazzjoni għas-Sindku u Kunsilliera, li tiswa €65 għal kull membru elett. Il-Kunsill qabel li jidħol għal din il-polza u jagħmel il-pagament meħtieġ.

33.14.6 Email mingħand Joseph Mizzi dwar Mgarr Road u Patri Ġużepp Portelli; fejn talab li jiżdiedu is-sinjali/tabelli tat-traffiku. Din il-materja diġà ġiet diskussa aktar 'il fuq f'din il-laqgħa (vide 33.4.7).

33.14.7 Email mingħand Joseph Mamo, bħala radd il-ħajr tax-xogħol favur il-protezzjoni tal-ambjent.

33.14.8 Ittra mingħand is-Sur Charles Bezzina, li ssuġġerixxa li jsir mafkar għall-memorja tal-gwerer dinjin. Il-Kunsill qabel unanimament ma dan is-suġġeriment u ser jibda' ix-xogħol biex jiġi identifikat sit fejn issir din il-lapida.

33.14.9 Email mingħand is-Sur Euchar Mizzi, li ħareġ ktieb ta' poeżiji jismu "Qtar il-Għasel" bis jara aħniex interessati nixtru xi kopji. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak iddikjarat li jista' jkun hemm kunflitt ta' interess għaliha fuq dan is-suġġett peress li s-Sur Mizzi jiġi zijuha; u għalhekk ma involvietx ruħa fid-diskussjoni. Peress li fl-imgħoddi kien hemm każijiet simili, l-bqija tal-Kunsilliera qablu li jsir tiftix fuq kemm kienu jinxtraw kotba f'okkażjonijiet oħra u jiġu ordnati l-istess ammont ta' kotba.

## 33.16 Materji Oħra

33.16.1 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li l-*Cameras* twaħħlu fi triq ta' Grunju (fuq l-iskips) u li sa issa diġa' twaħħlu tlieta min-nies. Ippropona li l-Kunsill jippublika parti miċ-Ċitazzjoni fuq *social media*, bħala deterrent u b'ħarsien lejn l-liġi tal-protezzjoni tad-data. Il-Kunsill qabel ma dan.

33.16.2 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li il-problema li kien hemm marbuta mal-installazzjoni tal-AED gewwa l-Pjazza tal-Kunċizzjoni issa giet megħluba u issa fi zmien ħmistax l-AED tkun qiegħda taħdem.

33.16.3 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li hu fil-kariga tiegħu ġie imħarrek bħala xhud fil-kawza li l-Kunsill għandu kontra Peter Paul Said; fejn ġie mitlub jipproduċi kopja tal-minuti li għandhom x'jaqsmu ma dan il-kaz. Is-seduta suppost saret iktar kmieni illum (20 ta' Mejju), iżda meta waslu il-qorti infurmawhom li l-kawża ġiet differita għat-30 ta' Settembru.

33.16.4 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li fil-21 ta' Mejju ser jiġi ippublikat mill-ġdid fil-Gazzetta tal-Gvern it-*tender* għal xiri ta' truck.

33.16.4 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li irċievew mid-dipartiment tal-Libreriji €700 u li l-librar talab lid-Dipartiment biex ikunu huma li jaħsbu għal dawn il-kotba. Il-Kunsill qabel li navviċinaw lid-Dipartiment ħalli jekk ikun possibbli nkunu aħna li nagħżlu il-kotba peress li jista' jkun insibu kotba ta' kwalità aħjar bi prezzijiet orħos, u allura jkun hemm aktar *value for Money.*

33.16.5 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li applikaw għal fondi mingħand il-LESA biex jinbidlu tliet *Gazebos* fi Ġnien il-Familja li ilhom hemm 20 sena u li issa iż-żmien qed juri fihom tant li saru ta' periklu għar-residenti.

33.16.6 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill li fil-laqgħa ta' qabel kienet issemmiet l-iskema tal-*playing fields* li biha kienu ser jintalbu fondi għal *outdoor gym* fi Ġnien il-Familja. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li sab li diġà hemm fondi allokati mill-Eko Għawdex għal *outdoor gym* u għalhekk, minflok, applika biex isir *safety fence / railing* madwar il-*playing field* Maġistrat Salvu Attard, liema stima għal dan ix-xogħol hi ta' madwar €20,000.

33.16.7 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa li ħarġet skema mill-MECP għal tisbiħ pjazez pubbliċi. Il-Perit tal-Kunsill diġa' kien beda jaħdem biex isir pjan ta' immaniġġjar tat-traffiku bejn Triq il-Kunċizzjoni u Triq is-Salib (fejn hemm is-Salib tal-Kunċizzjoni). Wara li ħa l-parir tas-Sindku u l-Perit; l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ipprepara applikazzjoni biex, jekk din tiġi aċċettata, dan il-proġett ta' immaniġġjar tat-traffiku isir permezz ta' din l-iskema.

33.16.8 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv irrapporta laqgħa li saret mal-*management* tal-kumpannija GoTo, u ppreżenta kwotazzjoni ta' aktar minn €600 maħruġa mill-istess GoTo biex iċaqalqu il-kaxxa mill-post preżenti tagħha għal post alternattiv fi Pjazza San Ġużepp. Il-Kunsill qabel li ma jaċċettax din il-kwotazzjoni, u ta' struzzjonijiet biex l-Aġent Segretarju Eżekuttiv jikteb lil GoTo li mhumiex lesti jħallsu dak l-ammont u biex il-kaxxa (waħda) tiċċaqlaq minn fejn qiegħda a spejjeż tal-istess GoTo. Ġie ċċarat ukoll li għall-bidu li ġew il-Qala, GoTo kellhom żewġ kaxxi imma wara li sar ilment mal-Viċi Sindku Ivan Cefai, tnaqqsu għal kaxxa waħda.

33.16.9 Is-Sindku rrapporta li staqsewħ xi nies jekk il-*bus stop* li hemm quddiem il-Kunsill fi Triq l-Imġarr kienitx ser tiċċaqlaq. Is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera għandhomx xi riservi dwar il-post preżenti ta' dan il-*bus shelter.* Il-Kunsill qabel unanimament qabel li dan il-*bus shelter* għandu jibqa' fil-post preżenti.

Kunsill Lokali – Qala – Local Council
Ċentru Ċiviku
Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala
Tel: 21552555 Fax: 21553232
Email: qala.lc@gov.mt

33.16.10 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill erbgħa (4) applikazzjonijiet fuq art li tinsab ODZ. Il-Kunsill qabel unanimament li joġġezzjona għal kull żvilupp li jinsab il-barra mill-linja tal-ODZ. Bħala *registered objectors* għall-applikazzjoni 1179/21 il-Kunsill ġie avżat li ġew sottomessi pjanti ġodda għal din l-applikazzjoni. Il-Kunsill qabel li ngħaddu din il-korrispondenza lill-Avukata tal-Kunsill biex tkun tista' tmexxi fuqhom.

33.16.11 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill b'diskussjoni li kellu ma Vince Buttigieg ta' *Euphoria Productions*, fejn intalbet spjegazzjoni dwar il-għala kien hemm differenza bejn talba oriġinali (saret fl-2020) meta mqabbla mat-talba kif fil-fatt saret fl-2021. Is-Sur Buttigieg spjega li din id-differenza kienet ikkawżata minn żewġ fatturi. Il-pjan oriġinali kien li l-attività ssir Ħondoq, u meta mbghad mexa għal post ieħor allura il-ħtiġijiet inbidlu minn kif ippjanat fil-bidu. Barra minn hekk l-organizzaturi ġew avżati fl-aħħar minuti mill-pulizija biex iħassru kollox minħabba l-imxija tal-COVID-19. Peress li l-attività ġiet kanċellata, ħafna mill-kontijiet ma ġewx *invoiced* u allura hu talab *refund* biss ta' l-ispejjez li baqgħu iridu jitħallsu. Oriġinarjament ma kienx talab għalihom għaliex hu kien qed jippjana li dawn jitħallsu mill-introjtu tal-attività, bil-qligħ li jibqa' imur kollu għall-festa. Il-Kunsill unanimament qabel li jitlob lis-Sur Buttigieg jibgħat ittra oħra li tispjega bil-miktub dan li hawn rifless f'din il-minuta, u li l-Kunsill japprova il-pagament ta' €1113.38 (mhux €1290.98 kif mitlub) permezz ta' email peress li dan is-suġġett diġa' ġie diskuss u maqbul waqt din il-laqgħa tal-Kunsill.

33.16.12 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li bħalma jaf kulħadd hemm ċertu bnadi taċ-Ċentru Ċiviku li bħala żebgħa u madum waslu għal bidla; u għalhekk talab l-opinjoni tal-Kunsill għandux joħroġ sejħa għal Designer biex jipproponi *colour scheme*, madum, purtieri u soft furnishing għal *common areas* (kuridur) taċ-Ċentru Ċiviku. Il-Kunsill qabel ma dan.

33.16.13 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qara l-iskeda ta' Pagamenti numru 05/2021. Il-Kunsill qabel li għandhom isiru dawn il-ħlasijiet.

## 33.17 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fil-8:50 ta' filgħaxija. Intlaħaq qbil li fuq *tentative date* għal laqgħa li jmiss li ġie propost li ssir nhar il-Ħamis, 17 ta' Ġunju 2021 fl-4:30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Paul Buttigieg | Lorne Cremona |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |